MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-29 ta' April, 2005

Talba Numru. 513/2005

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Helen Grech**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-22 ta' Frar 2005 fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' mija disgha u sebghin Liri Maltin u tlieta u tmenin centezmu (Lm179.83), liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21226244 skond kif jirrizulta mill-annessi dokumenti markati (Dok. A u B).

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez ta’ din l-istanza u tal-ittra ufficjali datata 13 ta’ Marzu 2000 u bl-imghaxijiet legali mid-data ta’ l-istess ittra ufficjali kontra l-konvenuta li minn issa hija ingunta ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta’ l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta’ l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gew pprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet tas-socjeta` attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ mija disgha u sebghin Lira Maltin u tlieta u tmenin centezmu (Lm179.83), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta’ din l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-13 ta’ Marzu 2000, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------